

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 126/2011****tal-11 ta' Frar 2011****li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Oie d'Anjou (IĠP)]**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-orġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

- (1) F'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2), u b'applikazzjoni tal-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, it-talba ta' Franza biex id-denominazzjoni "Oie d'Anjou" tiddaħħal fir-reġistru ġiet ippubblikata fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* <sup>(2)</sup>.

- (2) Ladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda stqarrija ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, din id-denominazzjoni għandha tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament hija b'dan irreġistrata.

*Artikolu 2*Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Frar 2011.

*Għall-Kummissjoni,*  
*fisem il-President,*  
Dacian CIOLOȘ  
*Membri tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

<sup>(2)</sup> ĠU C 162, 22.6.2010, p. 11.

## ANNEX

Prodotti agricoli maħsubin għall-konsum mill-bniedem elenkati fl-Anness I għat-Trattat:

**1.1. Laħam frisk (u l-ġewwieni)**

FRANZA

Oie d'Anjou (IĠP)

---